MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 390/1995/1

QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

IMHALLEF : ONOR. DR. GINO CAMILLERI LL.D.

Seduta tas-6 ta' Mejju 2005

Citazzjoni numru 390/95 GC

Louisette Pace

-vs-

Joseph Grima u Doris D'Amato din ta' l-ahhar f'isimha propju u f'isem bintha l-minuri Claudine Grech D'Amato

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attrici ppremettiet:-

Illi fil-11 ta' Dicembru 1994 fl-ghaxra u sitta u hamsin minuta ta' filghodu (10.56 a.m.) ixxandar il-programm "Konfront" minn fuq ir-radju mill-Istazzjoni Live FM fuq il-frekwenza ta' 100.2 KHzFM b'ripetizzjoni fit-13 ta' Dicembru 1994 wara nofs in-nhar mill-istess Stazzjoni (Dokumenti "A" u "B");

Illi l-fuq imsemmija xandira tat malafama lill-attrici fis-sens ta' l-artikolu 28(1) tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi din il-malafama inghatat mill-konvenut Joseph Grima, li dak in-nhar tax-xandiriet kien l-editur registrat responsabbli ghall-istazzjoni tar-radju Live FM u li mexxa l-programm "Konfront", mill-konvenuta Doris D'Amato u minn bintha l-minuri Claudine Grech D'Amato;

Illi, ghalhekk, l-attrici ghandha dritt tadixxi lil din il-Qorti ghall-ghotja lilha mill-konvenuti jew minn kull wiehed/a minnhom tas-somma likwidata skond l-imsemmi artikolu 28 (1) tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghalhekk l-attrici talbiet li l-konvenuti jghidu ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti ma ghandhiex:-

1. tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuti jew min minnhom immalafamaw lill-attrici fis-sens ta' l-artikolu 28(1) tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta permezz tal-programm "Konfront" li xxandar fil-11 ta' Dicembru, 1994 fl-ghaxra u sitta u hamsin minuta ta' filghodu (10.56 a.m.) minn fuq ir-radju mill-Istazzjon Live FM fuq il-frekwenza 00.2 KHzFM b'ripetizzjoni fit-13 ta' Dicembru, 1994 wara nofs in-nhar mill-istess stazzjon;

2. tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuti jew min minnhom solidalment jew xort'ohra responsabbli ghal din il-malafama;

3. tillikwida s-somma solidalment jew xort'ohra dovuta lill-attrici mill-konvenuti /minn kull wiehed/a minnhom jew min minnhom minhabba l-istess malafama;

4. tikkundanna l-konvenuti/lil kull wiehed/a minnhom jew min minnhom ihallsu lill-attrici "in solidum" jew mod iehor is-somma hekk likwidata;

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenuti ingunti sabiex jidhru personalment ghas-subizzjoni u minghajr pregudizzju ghal kull azzjoni ghad-danni kompetenti lill-attrici minhabba telf jew hsara attwali;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Doris D'Amato fejn gie eccepit illi hija bl-ebda mod ma mmalafamat lill-attrici u semmiet fil-programm de quo fatti u esprimiet opinjonjiet li huma tollerati f'socjeta demokratika u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta Doris D'Amato debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota tal-eccezzjonijet tal-konvenut Joseph Grima fejn gie eccepit :-

1. Illi l-eccipjent jichad kategorikament li huwa xandar xi programm bl-isem KONFRONT fil-jiem u hinijiet imsemmija mill-attrici, jew li ta xi malafama lill-istess attrici, u ghalhekk it-talbiet attrici huma infondati kemm bhala stat ta' fatt, kif ukoll skond il-ligi li saret riferenza ghaliha;

2. Illi personalment kif tharrek il-konvenut zgur ma hemm ebda responsabbilita' da parti tieghu, u f'kull kaz ma giex indikat x'inhuwa li suppost huwa legalment malafamanti fir-rigward tal-attrici u f'dana d-dawl il-konvenut jirriserva li jgib eccezzjonijiet ohra anke ta' natura preliminari, billi ma jistax jaghmel dana f'dan l-istadju ghar-ragunijiet imsemmija;

3. Illi ghalhekk il-konvenut ma ghandux ibati ebda forma ta' spejjez, salv li huwa jirriserva li jiehu passi ulterjuri skond il-ligi kontra l-attrici ghal kwalsiasi forma ta' danni minnu sofferti;

4. Illi jekk l-attrici hija mara mizzewwga, l-azzjoni odjerna kellha ukoll skond il-ligi tigi ukoll intavolata minn zewgha u ghalhekk jekk huwa l-kaz, dina c-citazzjoni hija nulla f'dana ir-rigward;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Joe Grima debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Novembru 1999 minn fejn jirrizulta li l-attrici ddikjarat li mhux mara mizzewga;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-attrici;

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet responsiva tal-konvenuti;

Ikkonsidrat:

L-attrici fic-citazzjoni tghamel referenza ghall-programm "Konfront" li xxandar fil-11 ta' Dicembru 1994 minn fuq l-istazzjon tar-radju "Live FM" liema programm kif ukoll liema stazzjoni kien immexxi mill-konvenut Joseph Grima. L-attrici inoltre tippremetti li fil-kors tal-imsemmija xandira hija giet malafamata ai termini tal-artikolu 28(1) tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta. L-attrici tippretendi li ghal dan l-agir kienu responsabbli l-konvenuti Joseph Grima, Doris D'Amato u bint l-istess konvenuta D'Amato li dak iz-zmien kienet ghada minuri. L-attrici ghalhekk qed titlob li l-

konvenuti jew min minnhom jigu kundannati ihallsu dik is-somma li tigi likwidata fit-termini tal-imsemmi artikolu;

Il-konvenuta D'Amato eccepit li bl-ebda mod ma mmalafamat lill-attrici peress li fil-programm in kwestjoni hija esprimiet opinjonjiet li huma tollerati f'socjeta demokratika;

Da parti tieghu l-konvenut Joseph Grima eccepixxa li huwa qatt ma xandar xi programm bl-isem "Konfront" fid-data indikata mill-attrici, u inoltre huwa qatt ma mmalafama lill-istess attrici. Inoltre l-konvenut Grima eccepixxa li huwa personalment ma ghandu ebda responsabilita' versu l-attrici u li l-attrici ma indikatx b'liema kliem hi giet malfamata. L-istess konvenut Grima finalment eccepixxa li jekk l-attrici hi mara mizzewga zewgha kellu jinizja maghha din l-azzjoni u ghalhekk jekk dan hu l-kaz din l-azzjoni hi nulla;

Ghar-rigward ta' din l-ahhar eccezzjoni tal-konvenut Grima, l-attrici, fil-kors ta' dawn il-proceduri ddikjarat li hi mhux mara mizzewga. Din id-dikjarazzjoni bl-ebda mod ma giet kontradetta u ghalhekk din l-ahhar eccezzjoni tal-konvenut ma tista qatt tigi akkolta;

Jirrizulta li kien gie imxandar programm minn fuq l-istazzjon tar-radju immexxi u gestit mill-konvenut Grima, liema programm kien jittratta l-operat tal-attrici, bhala Kap tal-Iskola tal-bniet ta' Birkirkara, f'kaz partikolari li kien jinvolvi ukoll il-konvenuti l-ohra D'Amato. L-attrici tindika li l-isem ta dan il-programm kien "Konfront" mentri jidher li effettivament il-programm kien jismu "Il-Maltin Jistaqsu". Il-konvenut iddikjara li huwa mhux qed jinsisti dwar is-sottomissjonijiet tieghu dwar it-titolu tal-programm. Ghalhekk, in vista tal-imsemmija dikjarazzjoni tal-konvenut Grima, jibqa li jigi esaminat jekk il-kontenut tal-programm in kwestjoni, jew almenu partijiet minnu, kienx libelluz fil-konfront tal-attrici;

Jirrizulta li l-attrici ghal xi zmien kienet il-head-mistress tal-iskola sekondarja tal-bniet ta' Birkirkara. Jidher li t-tfajliet li kienu jattendu l-imsemmija skola gew imfakkra li kellhom

jilbsu biss l-uniformi u xejn accessorji, inkluzi msielet. Jirrizulta li l-attrici kienet hadet xi pari imsielet tad-deheb minghand it-tifla Claudine Grech Damato, kif ukoll minghand xi tfal ohra u dana peress li skond l-attrici dwan setghu kienu ta' periklu kemm ghalihom kif ukoll ghal tfal ohrajn. Xi granet wara l-attrici kkonsenjat l-imsemmija imsielet ta' Claudine lill-ommha cioe lill-konvenuta l-ohra Doris D'Amato. Jidher li t-tifla regghet marret l-iskola liebsa l-istess imsielet u ghalhekk l-attrici irrikorriet ghand id-Dipartiment tal-Edukazjjoni. Dejjem minhabba dawn il-fatti inqalghu incidenti fl-iskola stess, fejn kienu involuti l-attrici, l-omm u t-tifla. Dawn l-incidenti pprolungaw ruhhom ghal xi granet u fihom kien hemm storbju u theddid. Intervjenew ukoll il-pulizija li f'hin minnhom hargu il-barra kemm l-omm kif ukoll lit-tifla mill-bini tal-iskola. Intervjenew ukoll ufficjali tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni u dwar dan kollu saret domanda parlamenatri. Saru ukoll xi protesti u kontra protesti fil-Qorti;

Fil-11 ta' Dicembru 1995 ixxandar l-imsemmi programm fuq Radio Live FM dwar dan il-kaz. Jidher li l-programm gie reklamat estensivament fuq l-istess radju u jidher ukoll li l-istess programm dam sejjer ghal dviersi sighat. Skond l-attrici l-programm kien fih affarijiet li mhumiex minnhom, kien ibbazat fuq affarijiet li kienu foloz u attakka l-integrita taghha fil-professjoni taghha. Il-programm kien prodott u prezentat mill-konvenut Joe Grima;

L-attrici tispecifika li fil-programm inghatat l-impressjoni erronea li t-tifla kienet qed tigi rifjutata mill-attrici bhala Kap tal-Iskola minhabba xi kwistjoni li kien hemm mal-omm u li l-imsielet in kwestjoni kienu ta certu tip u forma li ma tantx jghatu fil-ghajn. Inghatat ukoll impressjoni li l-attrici kienet kontra r-refugjati. Intqal ukoll, u dan kien falz, li l-Pulizija intbaghtu mil-Ministru gol-klassi. Dan waqt il-programm qalitu t-tifla. L-attrici qalet ukoll li fil-programm saret riflessjoni negattiva dwar l-abilita' taghha li tmexxi skola. Semmiegh li intervjena fil-programm irrefera ghall-attrici bhala aggressiva u dittatorjali. Intqal li f'dan il-kaz kien hemm biss pika. Saret ukoll allegazzjoni li l-attrici ghandha il-hbieb fost il-Pulizija. Kien hemm pero' semmiegha li qalu li kellha tinstema ukoll il-versjoni tal-

attrici u skond l-atrici kien hemm semmiegh partikolari li b'dak li qal deher li kien qed jirraguna hafna;

Jirrizulta ukoll li l-programm gie ripetut fit-13 ta' Dicembru 1995. L-attrici tammetti li wara li xxandar il-programm hi ma kkomunikatx mal-istazzjon tar-radju in kwestjoni. L-attrici kkonfermat li, wara li xxanda il-programm radjofoniku in kwestjoni, hi kienet giet mistiedna mill-istess stazzjoni tar-Radio biex tiehu sehem f'programm iehor fejn kien ser ikun hemm konfront bejn l-istess attrici u l-omm, pero l-attrici rrifjutat;

Il-Qorti esaminat dettaljatament u bir-reqqa l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti, b'mod partikolari t-traskrizzjoni tal-kontenut tal-programm radjofoniku in kwestjoni. In effett dan kien programm li xxandar "live" jew dirett u kienu qed jiehdu sehem, oltre l-konvenut Grima, l-omm, it-tifla u l-Ministru tal-Edukazzjoni ta' dak iz-zmien li kien kollegat telefonikament u seta jintervjeni liberament. Il-konvenut isostni li bil-presenza telefonika tal-ministru l-bilanc kien assikurat. Jista jkun li l-presenza fil-programm tal-attrici, bhala parti fil-kwestjoni, kienet tghati aktar bilanc. F'dan ir-rigward, pero', ghandu jinghad, li ma jfissirx li awtomatikament il-programm kien sbilancjat minhabba l-assenza tal-attrici. Lanqas ma jfisser li l-istess programm awtomatikament kien libelluz fil-konfront tal-attrici. Jinghad ukoll li l-konvenut Grima jsostni li l-attrici kienet giet mistiedna pero' ghal xi raguni jew ohra ma haditx parti fix-xandira;

Ma hemmx dubju li l-kaz kien ta' interess pubbliku, b'mod partikolari minhabba l-fatt li l-pulizija kienet interveniet fi skola fil-konfront ta' studentessa in partikolari. Ghalhekk ukoll ix-xandira in kwestjoni kienet gustifikata. Il-format tax-xandira, f'linji generali, kien li l-mistidna jirrakkontaw x'kien gara u l-istess mistidna kellhom jissubixxu d-domandi tal-presentatur. Wara setghu jintervjenu telefonikament is-semmiegha. In effett il-konvenut ikkonferma li l-istazzjon tieghu seta jigi deskritt bhala "talk radio" b'enfasi fuq id-diskussjoni, investigazzjoni u ahbarijiet. Is-semmiegha kellhom jigu koinvolti billi jigu mhegga jghatu l-opinjoni taghhom u li jidentifikaw ruhhom.

Ghal konvenut Grima din kienet in-novita' li kien qed jippresenta l-istazzjoni immexxi minnu fil-hin li f'Malta beda l-pluralizmu fix-xandir;

L-omm u t-tifla, li setgha kellhom problema gravi ma' l-attrici bhala Head Teacher minhabba l-imsemmi incident precipitat minn par imsielet, meta ppartecipaw fil-programm setghu kellhom l-agenda partikolari taghhom u ghalhekk setghu ukoll qalu affarijiet li ma kienux ghal kollox minnhom. Ghal dan pero' zgur li ma jistax jitqies responsabbli l-konvenut Grima, li xogholu kien, li fuq dak li kienu qed jghidu l-mistidnin, huwa jghamel domandi sabiex finalment is-semmiegha jifformaw l-opinjoni taghhom ta' liema kienet effettivament il-verita'. L-attrici tghid li l-istorja li qalet it-tifla dwar li l-pulizija, li dahlu fil-klassi u harguha mill-istess klassi, hi kollha inventata. Jista jkun li hawn it-tifla qalet affarijiet mhux veritjeri. Ghal dan pero' ma jistax jigi ritenut responsabbli l-konvenut Grima. Hawnhekk jidher li l-istess konvenut Grima ghamel dawk id-domandi kollha li kellu jghamel. Barra minn hekk m'hemmx dubju li,  kif qal l-istess konvenut Grima, huwa kellu joqod attent ghaliex kien qed jittratta ma tifla ta' tlettax (13) il-sena u di piu' fil-presenza ta' ommha;

Il-kummenti kollha li saru da parti tal-konvenut Grima jistghu jitqiesu li huma kummenti xierqa u li ghandhom jigu tollerati. L-attrici, bhala head teacher, trid toqod ghal kritika. Il-kummenti li saru ghandhom jitqiesu bhala kummenti gusti accettabli f'ambjent demokratiku. Is-semmiegha appuntu kienu qed jigu sollecitati biex jintervjenu u jesprimu l-fehemiet taghhom dwar dak li kien qed jinghad. Jidher li kullhadd seta jcempel u jintervjeni fil-programm u ghalhekk l-attrici stess setghet interveniet;

Lanqas ma jirrizulta sufficjentement li intqal xi kliem li kien ingurjuz jew malfamanti da parti tal-konvenuti l-ohra D'Amato jew Grech D'Amato. L-episodju tal-pulizija fil-klassi jew le hu x'aktarx attribwit lill hadd iehor u mhux lill-attrici. Kienet haga barra mill-normal li l-pulizija tintervjeni gewwa skola u mhux biex jipprevjenu xi reat.

In vista tal-premess it-talbiet kollha attrici ghandhom jigu michuda;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha attrici;

In vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------